# Il-vara ta' San Gejtanu biż-żebgħa AD 1888!

**Walter Camilleri**

1. F'wieħed mill-kotba-programmi *"tal-knisja"* tal-Festa ta' San Gejtanu tas-sena 1950, sibt din il-biċċa aħbar li faċilment tista' tinqara.
2. L-awtur ta' din l-aħbar, fi tliet sentenzi qosra u xotti qoxqox, speċi, tana l-istorja kollha tal-vara ta' San Gejtanu, dik proċessjonali. Qalilna, li l-vara msemmija kien ħadimha Carlo Darmanin fis-sena 1890 u l-induratura (tal-vara) saret xi snin wara! B'hekk l-awtur kien sodisfatt li kien qalilna kollox!
3. Dwar din il-vara proċessjonali ta' San Gejtanu kien inkiteb ħafna. Imma mhux dejjem, dak li kien inkiteb kien storikament korrett. Ngħidu aħna, issemmew bosta snin speċifiċi ta' meta kienet inħadmet din il-vara! Anki jiena awtur ta' din il-kitba, kont semmejt is-snin c.1885-1888 b'mod żbaljat! Imma l-mira li kelli kienet qarrbitni lejn il-likk![1]
4. Kont żbaljat ukoll meta ktibt, li l-vara ta' San Gejtanu kienet ġiet imtella' t-taraġ tal-knisja *"bil-ġirja"* għall-ewwel darba fis-sena 1898, meta fil-fatt nafu fiż-żgur, li dan kien seħħ realment fis-sena 1922 b'mod mhux awtorizzat u allura b'abbuż![2]



IL-VARA TA'

SAN GEJTANU

Din il-vara sabiħa ta' San Gejtanu saret bit-tħabrik ta' żewġt irġiel Ħamruniżi, fi żmien l-Kappillan Dun Fortunat Valletta. Fis-sena 1890 sar il-ġbir bil-ħidma tagħhom u x-xogħol tal-vara ġie mħolli f'idejn l-iskultur Karlu Darmanin. Wara xi snin saret l-induratura fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Muscat.

*Il-ktieb-programm maħruġ mill-parroċċa fil-festa tal-1950.*

**Pietro Paolo Castagna**

5. Intant. Interessanti nosservaw, li l-istorjografu Pietro Paolo Castagna, fil-ktieb tiegħu Aġġornat u ppubblikat *"għat-tieni darba fis-sena 1888"*, kien kiteb,[3] li Carlo Darmanin (statwarju u mhux skultur), għall-parroċċa tal-Ħamrun kien ħadem il-vari ta': San Gaetan, l-Ecce Homo u l-Madonna tas-Sacro Cuore, (ossija l-Madonna tar-Rużarju), fejn Castagna jgħidilna wkoll, li l-vara ta' San Gejtanu kienet swiet £25 minn flus il-poplu![4]
6. Donnu li Castagna kien qiegħed qrib il-likk hu wkoll għal dik li hi s-sena (1888-1890) ta' meta kienet inħadmet, tlestiet u żżanżnet il-vara proċessjonali ta' San Gejtanu! Dan għall-fatt, għax l-ewwel edizzjoni tal-ktieb popolari diġà msemmi ta' Castagna kien datat 1866 meta l-Ħamrun, ossija Via San Giuseppe u l-parroċċa ta' San Gejtanu kien għadhom ineżistenti!
7. Imma xi ħaġa sirna nafu dwar il-Vara ta' San Gejtanu mill-istess ktieb ta' Castagna, li kien stampat għat-tieni darba fis-sena 1888 (*aġġornat*) u b'żieda fis-sena 1890 (appendiċi), li kienet it-tielet parti tal-ktieb "*aġġornat*" tas-sena 1888.
8. U billi ma nafux eżattament x'kien "*aġġornat*" bejn is-snin 1888-1890, ikun sew li ma ninsewx, li Castagna kien rabat il-vara ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, propju, mas-snin 1888-1890 meta kien żied l-"*appendiċi*" fuq wara nett tal-ewwel volum tal-ktieb tiegħu.
9. Sadattant ma ninsewx, li min kien kiteb dik il-biċċa aħbar (ara ritratt) fil-ktieb-programm tal-festa ta' San Gejtanu tas-sena 1950, kien appuntu straħ fuq l-"*appendiċi*" (1890) tat-tieni edizzjoni ta' Castagna!

**Il Portafoglio Maltese**

10. Issa se nitkellmu minn band'oħra b'aktar ċarezza u ċertezza. Se nitkellmu mill-gazzetta "*Il Portafoglio Maltese*"[5] fejn fis-sena 1888 kienet qaltilna, li f'nhar il-festa ta' San Gejtanu diġà kellna Statwa – Vara – Simulacro, ossija vara proċessjonali ta' San Gaetan! Naturalment din il-vara – simulacro kienet miżbugħa u xejn xinxilli.
11. B'xorti tajba sibna gazzetta antika li tagħtna ftit tagħrif mhux ħażin dwar is-suġġett tagħna, li mhux se ninkluduh kollu f'dan l-artiklu. Ta' interess hu:
12. "*La Festa di San Gaetano, che si solennizza annualmente al Hamrun, e' riuscita questo anno molto piu'* imponente degli anni scorsi..."[6]
13. Iġifieri, il-festa ta' San Gejtanu, li ssir solennement kull sena fil-Ħamrun, din is-sena (1888) irnexxiet bil-kbir, aktar minn snin oħrajn! Il-gazzetta tkompli:
14. Fuq ordni tal-Amministratur Appostoliku għall-Malta, Mons. Isqof Anton M. Buhagiar – kapuċċin Malti – ma tħallewx isiru festi "*ta' barra*" (esterni) bil-pompa tas-soltu, u dan, b'luttu għall-mewt tal-Arċisqof Titulari ta' Rodi – Isqof Djoċesan ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna, li kien miet xahar qabel (12/07/1888) il-festa ta' San Gejtanu. L-Isqof Scicluna kien miet fid-dar privata tiegħu fi Triq San Kristoforo, Il-Belt Valletta.[7] Il-gazzetta kompliet:
15. "*... ma la divozione di quei buoni terrazzani nell' accostarsi in gran numero a cibarsi dell'Eucaristico Pane, ed il Rosario della Vergine recitato dietro IL SIMULARCO DEL*

*SANTO PROTETTORE...*"[8]

16. Iġifieri, id-devozzjoni tal-abitanti (tal-Ħamrun) miġbura f'numru kbir għat-tqarbin imqaddes u għar-reċita tar-rużarju tal-Madonna li kien intqal wara *IL-VARA TAL-QADDIS PROTETTUR...* (Tal-Ħamrun)!
17. Mela dan ifisser li fis-sena 1888 (is-sena li ġġib il-gazzetta msemmija) diġà kien kellna xi tip ta' vara proċessjonali ta' San Gejtanu! Li ma nafux fiċ-ċert hu, jekk din il-vara kellhiex xi alterazzjonijiet qabel jew wara s-sena 1888! Jidher li Castagna hu qrib ħafna l-gazzetta msemmija f'dik li hi s-sena tal-inawgurazzjoni tal-vara ta' San Gejtanu AD 1888!
18. Dan qed ngħiduh b'kawtela, billi l-gazzetta msemmija ma kienet għamlet l-ebda riferenza jew kumment speċifiku għal xi vara *"ġdida"* (1888) fil-Ħamrun! Il-gazzetta kienet qalet biss, li r-rużarju kien intqal wara l-vara (proċessjonali)! Meta jiġri hekk il-purċissjoni tieħu xeħta ta' pellegrinaġġ.

## Il-Pedestall

19. B'danakollu, is-sena 1888 tibqa' valida. Mhux eskluż, li qabel is-sena 1888 kellna xi tip ta' statwa biż-żebgħa u mhux vara proċessjonali propja kif nifhmu llum. Żgur b'danakollu, li l-pedestall kien sar ferm snin wara. Fl-antik u b'parroċċa ġdida u fqira, ma kienx *"ta' għajb"* li toħroġ b'vara biż-żebgħa u bla pedestall, sakemm ma kinux jissellfu pedestall u bradella minn xi parroċċa oħra!
20. Stramba b'danakollu, li l-vara ta' San Gejtanu (attwali), kienet ġiet dekorata – żgraffjata u ndurata u bil-pedestall b'kollox għall-ewwel darba fis-sena 1922! Allura wara 34 sena ta' stennija! Dak li bqajna ma nafux b'ċertezza hu, min kien ħadem (il-mastrudaxxa) dan il-pedestall sempliċi imma eleganti, li ma jisraq xejn mix-xena tal-vara ta' San Gejtanu tant devota.
21. Dak li naf dwar dan il-pedestall hu, li kien iddisinjah ċertu Arturo Galdes (1861(1892)1934) bejn is-snin 1919-1921! Dan kien intqal lili mis-Sur Ġużeppi Cassar ta' *"Cassar Photo Studio"* (1917-2002) li kien armat quddiem il-knisja ċkejkna tal-*BVM del Porto Salvo* (Santunnuzzu) mit-tifkiriet ta' missieru *"Il Signor Giuseppe Cassar"* (1892-1965)[9]. Arturo Galdes kien lavrant professjonali ma' *"Cassar Photo Studio"*.
22. Intant. Nerġgħu ftit lura. Stramba wkoll, meta l-imsemmija gazzetta, b'riferenza għall-festa ta' San Gejtanu (ta' ġewwa l-knisja u b'purċissjoni f'forma ta' pellegrinaġġ) kienet qaltilna: *"...è riuscita (la festa) questo anno molto più imponente degli anni scorsi..."* u dan meta d-djoċesi ta' Malta kienet f'luttu għall-mewt tal-Arċisqof Scicluna!

## Statwa jew vara u niċċa?

23. Hawn nistaqsi: Mela x'kellna speċjali u mportanti aktar mis-snin ta' qabel nhar il-festa ta' San Gejtanu? Mhux eskluż, fl-opinjoni tiegħi, li sa mill-bidu nett (1875), malli ġiet inawgurata l-knisja ġdida ta' San Gejtanu, konna nużaw xi forma ta' statwa (u mhux vara) ta' San Gejtanu, li għax ma kinitx tkun magħġuba (daqqa mill-

poplu u daqqa mill-kleru), kienet tispiċċa għall-armar tat-toroq, partikularment fil-wesgħat kbar mhux mibnija madwar il-knisja!

24. Ifisser, li l-istatwa proċessjonali tas-sena 1888, li kienet miżbugħa bil-pinzell u xejn elaborat, bi probabbiltà kbira kienet l-aħħar statwa li kienet finalment saret bħala: *"Il-vara proċessjonali ta' San Gejtanu", allura dik attwali*! Jekk hu hekk, is-sena 1888, skont il-gazzetta *"Il-Portafoglio Maltese"* (16/8/1888) taqbel ma' dak li kien kiteb Castagna![10]
25. Hawn nistaqsi: Ġaladarba fis-sena 1888 kellna vara proċessjonali (ta' San Gejtanu), din fejn kienet tkun esposta fil-knisja-lok u niċċa?
26. Ma nistax inħalli barra dan li ġej marbut mal-mistoqsija li għadna kif għamilna. Mill-kotba ta' Reviżjoni tal-Knisja (1882-1885) magħrufa bħala Quittanzi, b'riferenza għall-parroċċa tal-Ħamrun nosservaw, li ġa kienet issemmiet niċċa għall-istatwa ta' San Gejtanu! Ossija:
27. *"...pagati al maestro (falegname) PP Schembri per una nicchia nella chiesa per la statua di San Gaetano. Pagati 42 scudi, 6 Tari, 12 grani,*[11] (c. £4.)"
28. Imma minn kif jidher, din in-niċċa kienet saret b'mod ta' *"kafkaf"* proviżjornament għal xi statwa tal-armar tat-toroq, bħal dik li kellna fl-għalqa żdinġata ta' minflok l-Oratorju u z-zuntier tiegħu! ***Imma għad-devozzjoni kienet tinżamm fil-knisja***, bħalma diġà kienet ilha fil-knisja l-vara ta' San Ġużepp u dik tal-Madonna tas-Sacro Cuore, aktar tard Tar-Rużarju!! Sa hawn (1882-1885) żgur li m'aħniex qed nitkellmu minn vari proċessjonali propji.
29. L-informazzjoni li għandi hi, li l-mastrudaxxa PP Schembri[12] kien għamel niċċa proviżorja għal statwa (u mhux vara) proviżorja. Mela fis-snin 1882-1885 kellna biss statwa li kienet tintrama fit-toroq. In-niċċa li kien ħadem Schembri kienet tpoġġiet fl-aħħar kappella li kienet vojta qrib il-bieb tal-kampnar tal-qniepen.
30. Jista' jkun ukoll, minn sors ieħor, li kellna żewġ statwi miżbugħin (u mhux vari) ta' San Gejtanu. Waħda kienet għall-knisja u proċessjonali *"proviżorjament"* għad-devozzjoni tal-pubbliku, u oħra għat-tiżjin tat-toroq jew tal-wesgħat imħarbta qrib il-knisja, li wkoll kienet tkun merfugħa fil-knisja fl-imwarrab!

**Carlo Darmanin**

31. Mhux magħrufa l-qisien u kif kienu rappreżentati dawn iż-żewġ statwi. L-għidut li b'xi mod għadhom jinstemgħu, xi ftit isostnu li kienu żewġ statwi goffi u b'sens ta' devozzjoni mill-anqas! Mill-banda l-oħra ma ninsewx lanqas, li l-istatwarju Carlo Darmanin (30/08/1825 - 26/11/1909) kien jaħdem xogħol xi ftit goff, imma mhux tant goff, li tali vara ma tkunx tista' tgħaddi mill-bieb maġġur tal-knisja!! Il-vari proċessjonali tiegħu għadhom jidhru sal-lum u jixhdu għal dan. Vari ċkejknin kien għamel ukoll!
32. Stramb il-fatt b'danakollu, kif Carlo Darmanin, li kien residenti u miet (1909) Il-Ħamrun, ossija Via San Giuseppe, (No. 170, maġenb l-Istitut TA' CINI, Santa Venera)[13] il-vara proċessjonali u titulari ta' San Gejtanu allura tal-parroċċa tiegħu, kienet ġietu bis-sulluzzu u b'ħafna problemi mhux żgħar! Dan il-każ, bħal qisu

għandna replika ta' dak li kien għadda minnu fil-Hamrun ukoll il-Perit Giorgio Schinas fil-bini tal-knisja ta' San Gejtanu, 1869!

33. B'danakollu jiena konvint, li fl-aħħar, fis-sena 1888 l-istatwa tal-kartapesta ta' San Gejtanu ta' Carlo Darmanin kienet ġiet aċċettata mill-kleru u l-poplu, biex b'hekk kienet saret uffiċjalment il-vara proċessjonali tal-parroċċa problematika tal-Hamrun! Din il-vara fiha x'wieħed jirrimarka, imma nħallu dan għal waqt ieħor.
34. Dwar din il-vara ta' San Gejtanu u dak kollu li jdur magħha, hemm ħafna x'wieħed jgħid minn bosta angoli. Għalissa ma nistax ngħid b'ċertezza storika u dokumentata b'mod finali, li l-vara proċessjonali tant devota u għażiża għalina ta' San Gejtanu, f'din is-sena (2018) qed tagħlaq 130 sena fostna (1888-2018)! Nittama li hu hekk!
35. Ma nissugrax "*insostni*" li hu hekk! B'danakollu konvint, li 'l quddiem għad insibu tarf ta' kollox.

Nawgura festa qaddisa lil kulħadd.

## Riferenzi


1. "Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom": Sensiela ta' 4 volumi; Ediz. PIN 1993 Vol. 1; Kap.19 - Il-Hamrun San Gejtanu - kitba ta' Walter Camilleri; pp.207-219 (212-213).
   (b) "Il-Ġirja bil-Vara ta' San Gejtanu": "Il-Mument" (gazzetta) tal-1 ta' Ġunju 2014; p.24. "Ittra lill-Editur" kitba ta' Walter Camilleri. Oriġinarjament dan kien artiklu twil li spiċċa mqassar f'"*Ittra lill-Editur*" minħabba nuqqas ta' spazju fil-gazzetta.
2. Ibid. Fiż-żewġ każi.
3. L-ISTORJA TA' MALTA BIL-GŻEJJER TAGHHA: tal-istorjografu Pietru Pawl Castagna; It-Tieni Ediz. Riveduta 1888; bit-Tielet Parti – APPENDIĊI 1890; p.213, No.11 dwar Carlo Darmanin.
4. Ibid. p.154 dwar Il-Hamrun u l-£25 tal-Vara ta' San Gejtanu.
5. "Il Potafoglio Maltese" (gazzetta) tas-16 ta' Awwissu 1888, p.3. Dwar il-festa ta' San Gejtanu 1888.
6. Ibid.
7. Ibid. L-Isqof Scicluna kien benefattur kbir tal-knisja ta' San Gejtanu bħalma kien ta' qablu l-Isqof Gejtanu Pace Forno. Il-luttu (vistu) kien għad-djoċesi kollha.
8. Ibid. Il-kliem b'ittri kapitali huma tal-awtur ta' dan l-artiklu – biex nifhmu aħjar.
9. Fost ħafna tagħrif interessanti dwar il-knisja ta' San Gejtanu, mogħti lili (Walter Camilleri) mis-Sur Ġużeppi Cassar (is-Sur Peppin) ta' "*Cassar Photo Studio*". Ara wkoll tagħrif ieħor mis-Sur Peppin fil-ktieb-programm tal-Festa ta' San Gejtanu 2017 tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Hamrun, p.143-153 fl-artiklu ta' Walter Camilleri: "Il-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu – Ritratt Kontroversjali". Tagħrif ieħor mingħand is-Sur Peppin għad irid joħroġ 'il quddiem.
10. (A)"Il Portafolglio Maltese" (op.cit.).
   (B) Castagna (op.cit.) p.154 u p.213 (Appendiċi AD 1890).
   (C) NOTA: Fl-arkivju tal-Arċisqof ta' Malta (AAM) ma teżisti l-ebda korrispondenza jew rikors dwar il-miġja tal-vara ta' San Gejtanu fil-Hamrun. Hemm biss indikazzjoni, li l-Amm. App. għal Malta, l-Isqof Anton M. Buhagiar (Kapuċċin), propju bejn is-snin 1888-1889 kellu jibda Visita Pastorali fil-Hamrun. Din ma kinitx seħħet, billi l-Isqof Buhagiar kellu jirriżenja flimkien mal-Gvernatur ta' Malta Simmons!! B'hekk tlifna bosta tagħrif u noti ta' valur storiku marbut mal-knisja ta' San Gejtanu, li soltu jinġabar mill-Visti Pastorali.
11. Il-Kurja tal-Arċisqof – Taqsima Finanzi: Arkivju Quittanzi; Vol.1892 No.1; Parroċċa tal-Hamrun, p.3. ( perijodu: 1/8/1882-31/1/1885).
12. Ibid. Pietru Pawl (PP) Schembri kien bniedem ħabrieki u avdat ħafna fil-knisja ta' San Gejtanu minn tal-bidu nett. Kien mastrudaxxa gwapp u jagħmel dak kollu li jaraw għajnejh b'risq il-knisja ġdida Gejtanina. Kien mill-familja mlaqqma TAL-GHAĠIN u li għal din il-familja tant popolari kienet issemmiet TRIQ

SCHEMBRI qrib il-grawnd tal-futbol "VICTOR TEDESCO". PP Schembri u l-familja tiegħu kienu joqogħdu l-isfel minn pjazza San Pawl (Fra Diegu) fit-triq ewlenija (VSG) u għalhekk kienu jappartjenu lill-parroċċa tal-Floriana. Kellu tifel – CALCEDONIO – li twieled fis-17 ta' Jannar 1867 u allura ġie mgħammed il-Floriana. Calcedonio kien sar qassis nhar l-24 ta' Settembru 1892 u aktar tard kien maħtur Kappillan l-Imsida 1901-1930, fejn miet fil-kariga fit-12 ta' Diċembru. Il-Vara ta' San Ġużepp tal-Hamrun kienet hi wkoll miżbugħa (1878-1879) u damet deċenji sħaħ f'dak l-istat bħal fil-każ tal-Vara ta' San Gejtanu!
Il-Vara ta' San Ġużepp kien ħadimha **Ġlormu Darmanin (1834-1879)**, li hi kważi identika għall-istess vari ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ u tal-Isla, speċjalment fil-poża, il-panneġġi tal-ħwejjeġ u RAS il-figura tal-Qaddis fit-tliet vari, it-tlieta tal-istatwarju bravu Ġlormu Darmanin.
Dwar Ġlormu Darmanin nosservaw, illi fit-3 ta' April 1878, il-mastrudaxxa PP Schembri, li ġa semmejnieh, kien ġa tħallas is-somma ta' 30 skud tal-ispejjes li kien għamel biex kien ħadem: "...*piedestallo per la statua di San Giuseppe del Hamrun...!* Dan Ġlormu kien in-neputi ta' Karlu Darmanin (1825-1909), allura Karlu kien ġa ziju meta kellu 10 snin!
Kuntrarjament għal li kien kiteb Castagna, Karlu Darmanin ma kienx ħadem il-vara tal-Madonna TAS-SACRO CUORE għall-Hamrun, imma biss, kien irranġa (modifika) il-pala (lemin) tal-id tal-figura tal-Madonna (maħduma minn Ġlormu Darmanin) biex ġabha għat-titlu TAR-RUŻARJU qrib is-sena 1895!
Bi probabbiltà kbira, il-vari ta' San Ġużepp u tal-Madonna tar-Rużarju (oriġinarjament TAS-SACRO CUORE!) it-tnejn tal-Hamrun, kienu saru fl-aħħar sentejn (1877-1879) qabel il-mewt tal-istatwarju sfortunat Ġlormu Darmanin, li kien miet l-Isla, nhar it-3 ta' Awwissu 1879. L-indikazzjoni hi, li dawn iż-żewġ vari kienu saru għall-Hamrun, kmieni fis-sena 1878. (Hajr lis-Sur Gwido Lanfranco u s-Sur Fabian Mangion tal-għajnuna).

13. Fl-ewwel *"Status Animarum – Hamrun 1882"*, Carlo Darmanin u l-familja tiegħu kienu joqogħdu f'numru 170 Strada Reale, imma meta Carlo miet (26/11/1909), in-numru tal-bieb tiegħu kien ġa sar 290 u llum hu numru 488.

Milk Coffee
• Restaurant • Pizzeria
• Coffee Shop

Tourists Street,
Qawra SPB 1480
Malta
Tel: 2758 5845